**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2017

Talba Numru: 142/2017 AM3

Numru fuq il-Lista: 28

**Joseph Schembri (ID 25558G)**
**Ezercenti n-negozju 'Dickens'**
**Triq Bisazza,**
**Sliema**

**vs**

**Yanica Mckay**
**16 Mckay,**
**Triq id-Dielja,**
**Qormi**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Marzu, 2017 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenuta l-hlas tas-somma ta' seba' mija u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€720.36c) ammont bilancjali dovut mill-konvenuta lill-attur ghal zewg (2) smartphones lilha mibjugha u kkonsenjati.

.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lil konvenuta thallas lis-l-attur is-somma ta’ seba’ mija u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€720.36c) bl-imghax legali bl-imghaxijiet legal sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja huma a kariku tal-konvenuta .

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**